Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 20/2016

Il-Pulizja

Vs

Josianne Adesanya

Illum 15 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati Josianne Adesanya, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 157480M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

B'diversi atti maghmulha minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitiqesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat:

(1) Naqset li taghti lil Shaun Galea, is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedha fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fil-25 ta' Jannar, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 u 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti

mill-prosekuzzjoni u kkundannatha ghal tlett xhur prigunerija, il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Josianne Adesanya, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 2016, fejn talbet lil din il-Qorti li tirriforma s-sentenza appellata tigi riformata in kwantu jkun hemm konferma tal-htija izda li tirrevoka u thassar il-piena u tapplika piena anqas harxa fic-cirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Josianne Adesanya esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi dan huwa appell mill-piena fejn l-esponenti giet ikkundannata tlett (3) xhur detenzjoni minkejja illi:

1) Giet registrata ammisjoni fl-aktar stadju bikri;
2) L-esponenti spiccat wahedha anke tipprova tmanti zewg ulied ohra li ghandha u li qed trabbi b'diffikulta kwazi kwazi, l-kaz taghha huwa wiehed ta' natura socjali ghal ahhar;
3) Tahdem biss bil-paga ftit izjed minn minima nazzjonali;
4) Jekk tmur il-habs ma ghandiex ma min izzomm l-ulied minuri taghha;

Illi ghal-xi raguni li wiehed difficli japprezza l-esponenti xorta wehlet piena ta' habs effettiv u dana meta persuni ohra fl-istess seduta b'diffikultajiet ferm u ferm anqas minn dawk tal-appellanti gew ikkundannati terminu ta' prigunerija anqas minn dak tal-esponenti. Illi wiehed jifhem li f'kazijiet bhal dawn il-Qorti ghandha twiezen bejn id-drittijiet tal-kwerelanti u dawk tal-akkuzati, izda l-kwerelanti f'dan il-kaz ghandu impieg fiss bi hlas bil-commission u ghalhekk minkejja li l-appellanti ghandha thallas manteniment certament li l-ulied qed jitrabbew sewwa mill-missier u s-sitwazzjoni hija ferm u ferm differenti minn meta jkollok xi omm li ma tkunx tahdem biex tiehu hsieb lit-tfal u zewgha ma jkunx imantniha. Illi l-esponenti b'dispjacir tikkontendi li l-Ewwel Qorti kienet estremament insensittiva maghha u jisghobiha ferm li l-Qrati taghna minkejja li kulhadd jishaq kemm qed jaghmlu

gustizzja f'kawzi simili ghal dawn qed jimxu b'mod drakonjan, bil-Qrati tal-Appell bosta drabi jikkumentaw apertament f'kawzi bhal dawn li l-appellanti *'jew ihallas jew ghal gewwa'*. Illi l-esponenti ma taqbilx ma din il-linja ta' hsieb u tikkontendi li hemm kaz u hemm kaz u li l-Qrati huma fl-obbligu li meta jkollhom diskrezzjoni fil-piena jaraw xi tkun l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi. Illi l-esponenti mill-bidu nett tiddikjara li hija ma ghandiex imnejn thallas lil zewgha l-arretrati dovuti u li wkoll piena ta' habs cerament li m'hijiex idoneja fic-cirkostanzi

Ikkunsidrat,

Billi kif jirrizulta llum l-appellanti qeghda thallas il-manteniment kif pattwit mal-parti leza tant illi l-parti leza stess illum iddikjara li ma ghandux aktar interess f'dawn il-proceduri, ghaldaqstant, ghalkemm id-dikjarazzjoni ta' htija tal-Ewwel Qorti jisthoqq li tigi kkonfermata, hemm lok ghall-temperament fil-piena.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt illi tikkonfermha fejn din sabet lill-appellanti hatja tal-akkuzi dedotti fil-konfront taghha, tirrevoka in kwantu ikkundannatha ghal tliet xhur prigunerija u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena m'illum.

Il-Qorti wissiet lil hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk tikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur